VERŻJONI ELETTRONIKA

MALTA

ATT Nru XXXI tal-2016

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77.

ACT No. XXXI of 2016

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Conduct Certificates Ordinance, Cap. 77.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

28 ta' Ġunju, 2016

ATT Nru XXXI tal-2016

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza". Kap. 77.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 3 tal-Ordinanza.

2. L-artikolu 3 tal-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "at the instance of" għandhom jidħlu l-kliem "at the request of";

(b) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3), (4) u (5) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(2) It-talbiet għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-kondotta msemmija fis-subartikolu (1) għandhom isiru mill-applikant stess jew fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn it-talba għandha tiġi pproċessata u ċ-ċertifikat tal-kondotta jinħareġ lill-applikant minnufih, jew permezz ta' mezzi elettroniċi, fejn jintalab li ċ-ċertifikat tal-kondotta għandu jiġi mibgħut bil-posta fl-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza kif indikat fil-karta tal-identità:

Iżda l-Kummissarju tal-Pulizija jkun responsabbli biss li jibgħat bil-posta ċ-ċertifikat tal-kondotta iżda mhux għall-wasla tal-istess ċertifikat tal-kondotta għand l-applikant."; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "is-subartikolu (2)" għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikolu (3)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 406 tat-22 ta' Ġunju, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati